**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (22)




L-ekwipagg Marsi tad-dghajsa tal-Midalji jippoza ghar-ritratt fl-1952

Fl-aħħar żewġ artikli jien għażilt xi siltiet mill-intervista twila li kont għamilt lil Kelinu Degiorgio (il-Favet) dwar dwar is-sehem tiegħu fl-organizzazzjoni tad-distrett tal-Isla wara l-Gwerra.

Hemm ħafna aktar x'wieħed jislet minn din l-intervista nteressanti, iżda dawn inħalluhom għal aktar 'il quddiem, iżda llum, tajjeb li nibda l-artiklu tiegħi b'żewġ tweġibiet qosra li tani għall-aħħar żewġ mistoqsijiet li għamiltlu:

*Fl-1959, l-Isla bħad-distretti tal-Birgu, Bormla , Marsa ma ħaditx sehem fir-Regatta Nazzjonali, iżda fl-1960 u fl-1961 ħadet sehem u rebħu x-Shield ... x'ġara eżatt?*

"... jekk is-snin ħamsin kienu sbieħ għad-distrett tagħna, daqshekk ieħor kienu snin ta' qtigħ ta' qalb għad-distretti kollha li kienu jipparteċipaw fir-Regatta Nazzjonali minħabba bojkott li kien sar lil dawn it-tiġrijiet bejn l-1959 sal-1961.

"Fl-1960 xi dilettanti Sengleani ddeċidew li jieħdu sehem, u kif għedt int rebħu x-Shield ... lil dawn ngħidilhom prosit għax rebħu x-Shield, iżda f'dawk is-sentejn ma ġerrewx, la bid-dgħajsa ta' Bi Tnejn (Invicta), la bil-Kajjikk u lanqas bil-Frejgatina.

"Barra minn hekk, f'dawn it-tiġrijiet kienu ħadu sehem ukoll xi opri mill-Marsa ... ħafna jsostnu li l-bojkott tar-Regatta, żamm lill-Isla li tkompli tirbaħ l-Aggregate Shield, għax f'dik l-epoka kienet l-aħjar distrett tar-Regatta. Infakkret biss li fil-korsa tad-dgħajjes tal-Midalji, l-Isla rebħet dan il-palju seba' darbiet wara xulxin ... minn dan ir-rekord tista' timmaġina d-dominaza tal-ekwipaġġi tagħna fit-tiġrija ... fl-1962 ir-Regatta reġgħet bdiet issir fuq skala Nazzjonali, u d-distretti kollha bdew jieħdu sehem sħiħ fiha..."

*Fi żmienek kontu tagħtu flus lill-qaddiefa?*

"Le ... fi żmieni ma kinux jingħataw flus lill-qaddiefa. Min fejn ridna nagħtu l-flus? Mela aħna kellna xi ntrojtu minn x'imkien?

"Il-qaddiefa tagħha bħall-qaddiefa l-oħra ta' kull distrett kienu jieħdu l-premju tal-palju u xejn aktar ... xi ġimgħa warat-tiġrija konna nagħmlu ikla f'xatt il-Belt u nifirħu flimkien ... il-flus lill-qaddiefa bdew jingħataw snin wara ...

"Kif għedtlek, fi żmieni l-qaddiefa tagħna kienu jkunu mill-Isla jew għandhom konnessjoni mal-Isla ... aħna dejjem kellna fiduċja fit-tfal tagħna, u fi żmieni qatt ma qbilna li nġibu qaddiefa barranin ... "

*********

Dilettant kbir Marsi li kien iħobb ħafna r-Regatta, u li kien wieħed mill-ħabrieka Marsin li ħadem u stinka kemm felaħ biex pajjiżju jkun ippreparat tajjeb għar-Regatta wara l-Gwerra kien Harry Bugeja. Għamiltlu din l-intervista qrib il-club tar-Regatta tal-Marsa: L-ewwel mistoqsija lil Harry Bugeja kienet dwar kif jipparaguna s-support tal-partitarji Marsin lejn il-qaddiefa tagħhom mal-partitarji tal-clubs tal-Kottonera:

"Ma narax differenza ... li naf hu li l-partitarji tagħna huma dilettanti kbar tat-tiġrijiet tad-dgħajjes bħalma huma tad-distretti oħra, u dan int tista' tosservah mis-sapport kbir li huma jagħtu lill-qaddiefa tagħna matul l-aħħar provi fil-kanal, u l-aktar u aktar matul it-tiġrija.

"Iżda waqt li jien napprezza ħafna l-organizzazzjoni kważi perfetta tar-Regatta fiż-żmienna - u jien nista' ngħidlek kemm jeħtieġ xogħol biex torganizza l-ħames korsi tar-Regatta, u kemm xogħol u preparazzjonijiet jeħtiegu biex kull lokalitá tipparteċipa bl-aħjar ekwipaġġi possibbli.

"Ħafna anzjani bħali jgħidulek li t-tiġrijiet ta' qabel il-Gwerra kienu aktar eċċitanti ... personalment, jien dejjem sostnejt li kull żmien għandu s-sabiħ u l-ikraħ tiegħu, iżda meta nħares lura fi tfuliti, naħseb li t-tiġrijiet kienu aktar akkaniti, u għalhekk xi wħud minnhom baqgħu jissemmew aktar mill-oħrajn ... mur l-Isla, Bormla jew il-Birgu ... kellem lil anzjani bħali u staqsiehom l-istess mistoqsija li qed tagħmel lili u tara xi jweġbuk ... jgħidu li rebħu x-Shield, iżda ibqa' ċert li jekk tħallihom jitkellmu, żgur f'xi ħin jew ieħor tal-Isla jsemmu t-tiġrijiet tal-Ferilli, ta' Bormla l-korsa ta' bi Tnejn, tal-Birgu l-korsa ta' bl-Erbgħa ... ħafna mit-tiġrijiet akkaniti ta' qabel il-Gwerra minkejja li għaddew 40 sena, baqgħu stampati fil-memorji tagħna u mhux la kemm tneħħihom...

*Wara l-Gwerra, il-Marsa rebħu bosta paljijiet u anke erba' darbiet ix-Shield ... fil-fehma tiegħek il-qaddiefa tal-lum ma marrux ħafna aħjar fir-Regatta Nazzjonali mill-qaddiefa tas-snin 50 u 60?*

"Marru aħjar f'dak li rebħu ... l-ekwipaġġi tagħna rebħu bosta paljijiet fis-snin 50, 60 u 70.

"Il-Marsa, f'nofs il-ħamsinijiet u fis-sebgħinijiet kellhom ekwipaġġi li għaġġbu lil kull dilettant li jħobb jara dawn it-tiġrijiet ... kienu snin li l-Marsa kienu fl-aqwa tagħhom, u li kieku ma nqalax xi nkwiet fost il-qaddiefa, kieku l-Marsa kienu jagħmlu s-snin jirbħu l-Aggregate Shield.

"L-ekwipaġġi tagħna, li ġabu fix-xejn id-dominanza tal-Isla, tal-Kalkara u ta' Bormla, kienu kapaċi jżommu din ix-Shield għal bosta snin, iżda argumenti bejn il-qaddiefa u membri tal-kumitat tawna daqqa lura ... ħasra tassew!

"Iżda jien dejjem emmint li wara l-maltemp għad jiġi l-bnazzi u d-distrett tal-Marsa għad jerġa' jingħaqad mill-ġdid u nerġgħu nirbħu x-Shield mill-ġdid."

*********

Dilettant ieħor, din id-darba Bormliż li bħal ħafna dilettanti oħra kien isegwi b'interess kbir l-aħħar provi qrib il-maħzen tar-Regatta ta' Bormla kien Leone Stivala.

Meta staqsejtu jekk hu jaqbilx li l-qaddiefa tagħhom wara qadfa jew tnejn mill-Baċir sal-Macina jmorru jieħdu triq fil-kanal weġibni hekk:

"Personalment lili ma togħġobnix li l-qaddiefa tagħna jmorru jieħdu t-triq qabel Settembru ... ħares madwarek, għadna f'nofs Awwissu u ma tarax dilettant wieħed ħdejn il-Club tar-Regatta, u allura għalfejn jinżlu hawn ... niftakar li sa sentejn ilu x-Xatt ta' Santa Tereża kien ikun mimli dilettanti, kollha ħerqanin biex isegwu t-taħriġ ta' kull ekwipaġġ u joqogħdu jikkummentaw fuqhom.

"Naħseb li konna nkunu madwar 300 dilettant insegwu dawn il-provi minn quddiem il-Knisja tal-Birgu għall-Maċina ... imbagħad, għall-aħħar ta' Awwissu, meta kien jasal iż-żmien għall-aħħar provi fil-Kanal, ħafna minna konna mmorru d-Dwana, u nibqgħu hemm sakemm jidlam nirrekordjaw il-ħinijiet ta' kull dgħajsa li tieħu t-triq."

*Inti taħseb li n-nuqqas ta' taħriġ tad-dgħajjes qrib l-imħażen tar-Regatta qegħdin inaffru lin-nies li jinżlu jsegwu dawn il-provi?*

"Jien hekk naħseb għax ħafna mid-dilettanti Bormliżi qegħdin jiddejqu jinżlu x-Xatt u ma jarawx dgħajsa, kajjikk jew frejgatina jitħarrġu qrib il-club tagħna, meta l-opri ta' distretti oħra għadhom jitħarrġu fil-viċinanża tal-imħażen tagħhom.

"Ma nafx kif il-kumitat qed jippermetti lill-ekwipaġġi jmorru jieħdu t-triq qabel iż-żmien u m'huwiex jintebaħ li din hi waħda mir-raġunijiet li t-tiġrija marret lura u hawn apatija kbira fost id-dilettanti ta' dawn it-tiġrijiet ...

"Il-Kalkara għadhom sal-lum jitħarrġu minn taħt iż-Żiemel sal-Kalkara... u l-Birgu jagħmlu bħalhom ... l-ebda dgħajsa ta' Marsamxett ma taraha titħarreġ fil-Port il-Kbir ... dawk jitħarrġu f'Marsamxett, u tlitt ijiem qabel ir-Regatta jidħlu fil-Port biex jieħdu t-triq mad-dgħajjes l-oħra... anke l-Marsa jitħarrġu fil-viċinanza tal-club tagħhom, u anke l-Isla ... ħasra!

"Għalhekk ir-Regatta sejra lura u n-nies naqset ħafna milli tinżel ħdejn l-imħażen tar-Regatta ... it-tort hu ta' min qed imexxi."

*(ikompli f'ħarġa oħra)*